**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Hubert Cini)**

**kontra**

**DYLAN CAMILLERI**
**(ID No. 68896(M))**

Kaz Nru; 157/21

**Illum it-30 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta' **Dylan Camilleri**, detentur tal-karta tal-identita' numru 68896(M), t'erbgha u ghoxrin sena, iben Carmel u Josephine xebba Malliat, imwieled tal-Pieta nhar l-4 ta' Frar 1996 u li joqghod Blk C Flat 4 Triq l-Alfier de Medran, Hal-Tarxien, akkuzat talli fit-23 t'April 2020 ghal habta tas-01.56hrs u 02.24 hrs fi Triq l-Isqof Buhagiar, Paola (Rahal il-Gdid), f' Malta u matul l-ahhar xhur qabel din id-data f'Malta u fil-gzejjer Maltin:

1. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, bi ksur ta' l-Artikolu 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi salv kull dispozizzjoni ohra fil-Kodici Kriminali kif tapplika ghaz-zamma, garr, uzu, akkwist jew

pussess t'armi tan-nar, filwaqt li Dylan Camilleri kien qed jigi arrestat ghal delitt, kellu fuq il-persuna tieghu imitazzjoni ta' arma regolari u dan bi ksur tal-artikolu 55(b) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti giet ukoll mitluba tordna l-konfiska tal-imitazzjoni ta' arma regolari.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha processwali;

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semghet is-sottomissjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi pprezentati jirrizulta li fis-sieghat bikrin ta' filghodu tat-23 t'April 2020 waqt li xi ufficjali tal-pulizija stazzjonati gewwa r-Rahal il-Gdid kienu qed jaghmlu ronda lemhu vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAU396 fi Triq l-Isqof Buhagiar. Hekk kif ix-xufier nnota l-prezenza tal-pulizija huwa pprova jsuq izda gie mwaqqaf mill-pulizija. Minn tfittxija li saret fl-imsemmija vettura, li d-difiza ma hijiex qed tikkontesta l-fatt li hija tal-imputat, fil-glove compartment instabu imitazzjoni t'arma tan-nar u bra-top iswed. Fuq is-seat tal-passigier instab ukoll pakkett tas-sigaretti tal-marka Pall Mall ahmar li kien kontenenti allegata sustanza cannabis. Dak il-hin huwa gie arrestat u gie mehud l-ghassa tar-Rahal il-Gdid fejn gie interrogat.

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat b'pussess semplici tad-droga Cannabis fl-ammont ta' 4.192g f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali tieghu stess. Din
l-imputazzjoni giet milquta bl-emendi introdotti f'Dicembru tas-sena 2021 senjatament permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021. Bis-sahha ta' dawn l-emendi l-artikolu 4A tal-Kap. 537 jistipula:

> *(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena <u>tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi</u>, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna, **<u>ma għandux jikkostitwixxi reat</u>**, u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejnhemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis*

Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma ghadux jigi hekk ikkunsidrat illum il-gurnata.

Illi l-artikolu 12 tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula:

> *(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –*
>
> *(a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew lima tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;*
>
> *(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;*

*(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew liġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;*
*(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk;*
*(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,*
*u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħujinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jewpiena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar majkunx għadda*.

Madanakollu ssir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-***Pulizija vs. Juanita Fenech*** nhar is-27 ta' Frar 2019 fejn gie ddikjarat:

*"Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ibbazati fuq l-artikolu 7 tal-Kovenzjoni Ewropeja dwar il-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti hija tal-fehma illi illum ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti bilfors trid tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza:*

> *"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the*

> *foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."*

*Din il-posizzjoni ġiet riaffermata permezz tas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014.*

*Illi l-Professur Sir Anthony Mamo jidher li kien tal-fehma ukoll li f'sitwazzjonijiet bħal dawn il-proċeduri jew l-effett provenjenti minnhom permezz tas-sentenza li tkun ingħatat, għandhom jieqfu.*

> *''In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal*

*(divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence".*

***B'hekk illum għalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proċeduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qiegħed jitqies illi huwa leżiv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem***." (emfazi ta' dina l-Qorti)

F'dawn ic-cirkostanzi dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tiddikjara procediment ezawriet fil-konfront tal-ewwel imputazzjoni.

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni, l-qua imputat jinsab akkuzat li kien fil-pussess t'arma tan-nar waqt li kien qed jigi arrestat ghal delitt. L-abbli difensur jargumenta li l-arma ma kinitx fuq il-persuna ta' Camilleri izda kienet fil-glove compartment. Konsegwentament huwa jargumenta li Camilleri ma kienx fil-pussess ta' din l-arma galadarba l-istess arma ma kinitx fuq il-persuna tieghu. Din il-Qorti ma taqbilx. Il-ligi tispecifika li sabiex ir-reat odjern jissusisti jrid jigi ppruvat li l-arma (li tinkludi imitazzjoni t'arma bhal kaz odjern) kienet fil-pussess tal-imputat. "Fil-pussess tal-imputat" ma jirrekjidiex necessarjament li l-istess arma tkun fuq il-persuna tieghu izda huwa sufficjenti li din tkun fl-isfera ta' kontroll tieghu. Mill-provi jirrizulta li din instabet gewwa l-glove compartment tal-vettura tieghu (din ma hemmx kontestazzjoni dwara mill-partijiet) minghajr l-ebda passigieri ohra. Konsegwentament jirrizulta pruvat li l-imsemmija arma kienet fil-pussess tal-imputat. It-tieni kwezit li l-prosekuzzjoni trid tipprova huwa li din l-arma kienet fil-pussess tieghu waqt li kien qed jigi arrestat ghal delitt.

Mill-provi mressqa jirrizulta li l-imputat odjern kien gie mwaqqaf mill-pulizija wara li gie osservat jagixxi b'mod suspettuz. Saritlu tfittxija fil-vettura fejn instabet is-sustanza Cannabis. Fis-sena 2020 il-pussess tas-sustanza Cannabis kien delitt. Madanakollu mix-xhieda mressqa ma jirrizultax car jekk l-imputat giex arrestat minhabba li nstabet l-imitazzjoni tal-arma u s-sustanza cannabis fil-pussess tieghu jew altrimenti l-pulizija arrestatux qabel identifikat l-arma u waqt l-arrest huwa nstab fil-pussess t'arma. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas din il-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-mottivi u wara li rat l-artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 4A(2) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 55(b) tal-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Qorti fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, tenut kont li dan ir-reat gie abbrogat, qeghda tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu filwaqt li in kwantu ghat-tieni imputazzjoni din il-Qorti qed issib lill-qua imputat **Dylan Camilleri,** mhux hati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tilliberah mill-istess.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia
**Deputat Registratur.**